MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Numru. 579/2000

PULIZIJA
SPETTUR CARLO ELLUL
VS
ANTON VASSALLO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anton Vassallo ta' 21 sena iben Carmel u rose mitwielda Pullicino, imwieled Pieta fit-23 ta' Settembru 1978 u joqghod St Joseph, Triq Felice, Zabbar karta tal-identita numru 495978M talli bejn id-29 ta' Mejju 2000 ghal habta tad-9pm u t-30 ta' Mejju 2000 ghal habta tal-4pm f'Santa Lucia ikkommetta serq ta' oggetti mill-vettura nru KIA 183 li l-valur taghhom ma jeccedix il-mitt lira maltin, izda liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-hin ghad-detriment ta' Rodney Marsh.

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi u cioe fl-1 ta' Gunju 2000 f'dawn il-gzejjer xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew

xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom ai termini tal-Artikoli 334 tal-Kodici Kriminali kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe vettura nru KIA 183 a detriment ta’ l-istess Rodney Marsh liema hsara teccedi  l-hamsin lira maltin (Lm50)  ai termini tal-Artikolu 325(b)  tal-Kodici Kriminali  kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli sar ricediv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-25 ta’ Lulju 1994, fis-7 ta’ Marzu 1995, fit-18 t’Ottubru 1000 u fl-1 ta’ Frar 2000, liema sentenzi ma jistghux jigu imhassra.

Talli ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-18 t’Ottubru 1999, fejn kien instab hati li kkommetta reati u gie ikundannat xahar habs sospizi ghal sena, u matul perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza ohra moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-1 ta’ Frar 2000 fen hu kien instab hati li kkommetta reati u gie ikkundannat sentejn habs sospizi ghal sentejn.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi Rodney Marsh kien ghamel rapport l-ghassa tal-pulizija ta Hal Luqa illi waqt li kien f’hanut f’Rahal Gdid kien gharaf car stereo li kien tieghu, liema car stereo kien gie misruq mill-Hyundai Accent nru AAI-183 ftit zmien qabel.

Illi dwar is-serqa originali huwa kien wkoll ghamel rapport lill-pulizija.

S-Sur Marsh infatti esebixxa l-garanzija, ricevuta tal-istereo indikat (ara dok CE4 u 5) kif wkoll dok CE6 u 7 li huma ricevuta tal-hsarat li kienet garbet il-karozza tieghu flimkien ma CE8 sa 10 li huma tlett ritratti illi juru tali hsarat.

S-Sur Marsh spjega (fol 15) illi huwa kien mar ghandh JCC Stores Rahal Gdid sabiex jbiegh il-car amplifier tieghu li kien baqaghlu minhabba li kien bla uzu u fil-vetrina ta' dan il-hanut kien ra u gharaf il-car stereo li kien gie misruq lilu. Huwa dahal fil-hanut u ivverifika is-serial number ta' dan l-istereo u ivverifika li kien tieghu minhabba il-partikolaritajiet fuq dan il-car stereo kif jirrizulta a fol 16.

Richard Cassar (fol 26)  xehed illi huwa ghandu part time job f'hanut li jinnegozja second hand equipment. Xehed wara li gie moghti it-twissija mill-Qorti illi kien gie xi hadd u beghlu stereo Pioneer u ftit wara kien gie xi hadd mal-gharusa tieghu, talab biex jara dan l-istereo u in segwitu gew il-pulizija.

Richard Cassar ikkonferma illi huwa xtara dan l-istereo dok CEZ u wera l-entry fuq il-kotba ta' dan il-hanut illi turi illi l-estereo Pioneer 57301 gie mibjugh lilu min Anton Vassallo fl-1 ta' Gunju tat-2000.

Xehed illi gieli xtara affarijiet ohra minghand Anton Vassallo u li qatt ma kellu trouble. Ammetta wkoll illi ricevuti minghand Anton Vassallo ma inghatax.

Cassar xehed illi huwa xtara dan il-istereo bil-prezz ta' Lm60 u li gdid dan jiswa Lm95.

In kontro ezami Cassar xehed illi Rodney Marsh kien beghlu amplifier u l-entry ta' dan tidher wara dik ta' Vassallo.

Mistoqsi jekk qattx ha zball f'dan l-entry book, Cassar xehed "jista jkun ghax jien uman".

Spettur Carlo Ellul esebixxa sentenza dok AB a fol 22.

PC447 Camilleri ikkonferma l-istqarrija tal-imputat dok CE1 a fol 6.

PS947 Adrian Paul Vella ikkonferma ir-rapport tal-pulizija maghmul minn Eodney Marsh fil-5 ta' Gunju 2000 ghas-sejba ta' stereo f'hanut f'Rahal Gdid  u li huwa nizel sal-hanut, kellem lil Richard Cassar u eleva l-istess stereo.

Spettur David Saliba esebixxa dok DS, sentenza datata 18 t'Ottubru 1999 kontra Anton Vassallo u saret il-prova tal-identita ta' din is-sentenza (ara fol 44 u 45 et seq)

Daniela Mizzi ikkonfermat ix-xhieda tal-gharus taghha Rodney Marsh u kif Marsh u hi identifikaw l-istereo misruq.

L-istereo esebit dok CEZ gie wkoll ikkonfermat min Daniela Mizzi (fol 49 sa 51).

Illi fil-5 ta'  Ottubru 2001 l-imputat irregistra l-ammissjoni tieghu.

Illi fil-mori tal-kawza u cioe fit-28 ta' Otubru 2003 l-imputat beda programm residenzjali ghal riabilitazzjoni kontra id-droga fl-istitut ta' Santa Marija u kif jidher mix-xhieda ta' Josette Camilleri fi ftit xhur illi ilu fih l-imputat ghamel prgoress.

Ikkunsidrat:-

Illi fit-trattazzjoni tad-difiza ghal rigward ta' piena (ara trattazzjoni dattilografata tat-28 ta' Jannar 2004) id-difiza irribadiet illi din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tal-"ksur ta' sospensjoni"  tas-sentenza dok AB stante li l-imputat diga gie misjub hati ta' tali ksur b'sentenza tal-Mag. Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D. datata 18 ta' Dicembru 2001 a fol 41 tal-process.

Ikkunsidrat:

Illi con tutto rispetto dok DS a fol 41 (sentenza tal-Mag. Dr C Scerri Herrera LL.D. datata 18 ta' Dicembru 2001) ma irrendietx operattiv is-sentenza ta' sentejn prigunerija sospiza ghal sentejn imma estendiet biss is-sospensjoni ghal erba snin u dana minhabba ksur fis-sospensjoni originali.

Illi din il-Qorti wara li rat il-fedina penali impressjonanti tal-imputat, wara illi rat id-diversi opportunitajiet moghtija minn diversi Qrati lill-imputat sabiex dan jirriforma ruhu; wara li rat l-istadju tardiev tal-ammissjoni tal-imputat; wara li rat l-attentat pwerili u tardiev tal-imputat li jahseb li ser jghaddi il-gustizzja biz-zmien billi jidhol programm ta' riabilitazzjoni kontra id-droga lejliet l-ghoti tas-sentenza hi tal-fehma illi fil-kaz tal-imputat gustizzja ssir biss b'sentenza ta' prigunerija adegwata u proporzjonata ghal reati li bihom jsintab mixli.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 334(a), 285, 325(b), 28A sa H, 49 u 50 tal-kap 9 u tikkundanna lill-imputat ghal sentejn u hames xhur prigunerija li minnhom sentejn huma dawk resi operattivi mis-sentenza tal-1 ta' Frat 2000.

Ghal kull buon fini u sabiex kwalunkwe progress li seta ghamel l-imputat fi hdan l-istitut ta' Santa Marija ma jisfax fix-xejn il-Qorti tirrakomanda illi l-imputat jibda programm ta' riabilitazzjoni kontra l-droga minn hdan il-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------